# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**148.** **15 ta' LULJU 1911.** **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL ĦUT U IL FROTT.

Haŭn Malta il bicca il cbira ta'l impjegati ta'l Gvern collox jieħdu b'ic-ċajt u bl-indifferenza, iżda fosthom, jecc ijġerru, jieħdu sgur il palju ta'l eŭŭel disghin f'il mija m'il Ispetturi-Sanitarji li għandna.

Hu tasseŭ miraclu cbir ħafna li aħna ma nimbuccaŭx cull sena icla colera jeŭ xi għaŭġ icreħ bħalu għaliex il għassa sanitarja li issir nistgħu ngħidu li hi tasseŭ ftit jecc m'hux xejn.

Nibdeŭ m'il ħut. Dana meta jinkabad il bejjigħa ma joktluhx anzi jtaŭŭluluħajjtu chemm jifilħu biex jibka frisc. Issa il għaref Professur Angelo Mosso, li miet ma ilux, ijgħarrafna f'il ctieb famus tiegħu «*La Paura*» li il ħuta meta tinkabad, b'il biża, meta issib ruħha barra m'il ilma baħar jeŭ ġo cavetta f'demmha jitrabbeŭ ħafna *ptomaini* (veleni) li jagħmlu ħsara f'is-saħħa. Mela allavolja ħuta tiecolha ftit ŭara meŭtha tcun chilt magħha ħafna *ptomaini* ta'l biża minn mindu inkabdet sa issajjarha.

Meta il ħuta jeŭ annimal ijmut ic-celluli li minnhom ijcun magħmul ġisimhom ma jmutux malajr iżda biss ŭara li jcunu xorbu is-sustanza collha li jcun baka f'id-demm u għalhecc meta jintnu hu għaliex il ptomaini li jarmu ma jcunx hemm id-demm ħajj li jcheċċihom u għalhecc joktlu l'ic-celluli. Mela f'dac il ħin li jgħaddi bejn il meŭt ta'l ħuta jeŭ annimal u il ħin ta'l meŭt ta'ċ-celluli f'il ġisem ijcunu kiegħdin jiżdiedu il *ptomaini* li jiżdiedu ma' daŭc li jcunu saru u inħażnu kabel b'il biża.

Meta ic-celluli jmutu jibdgħu jinferku u għalhecc jintnu u dana jżid il veleni u il ħmieġijiet li fukhom tant ijħobbu jixxalaŭ il microbi l-oħra li bihom hi dejjem miżgħuda l-arja u li malli jsibu ġisem ta' ħuta jeŭ ta' annimal li beda jinten minnufih jatuh is-salt u jiżogħduh.

Mela ħuta mgħoddija jcollha ġo fiha daŭna il ħafna *ptomaini* u actarx il microbi ta' xi mardijiet coroħ bħal ma huma ta'l colera li jiżogħdu dac il ġisem mejjet għaliex ijcun mimli b'il ptomaini.

Daŭna il ptomaini meta jidħlu f'il ġisem ta'l bniedem jiżdiedu ma daŭc li ġa jcollu ġo fih u b'hecc malli jidħol mi-crobu ta'l colera jeŭ ta' xi marda cherha oħra ijsib tuk hiex jitbagħrad, ijtakkas, jiżgħod, u jġorroc ġo'l ħofra katta bla ħabel.

Mela il ħut allavolja tiecluh m'is-sunnara dejjem fih il ptomaini, u malli tħalluh ftit ħin fl-arja u l-actar f'is-sajf billi fih ħafna fosforu malajr ijgħaddi u daŭna il misħuta ptomaini jcomplu joctru. Ibżgħu għalhecc minnu chemm tifilħu u l-actar meta ma tcunux sguri li hu frisc tasseŭ.

Meta issajjruh kattgħuh bcejjec u għalluh tajjeb u armu l-ilma li tcunu għallejtuh fih ħalli b'hecc għallankas tarmu barra daŭc il veleni li jcun demmu imgħobbi bihom.

Is-Sanità mela li jmissha tcun taf chemm hu periculus l-ichel ta'l ħut f'is-sajf għandha tibka b'mitt għajn mittuħa bħal Argu biex ma jinbiegħx ħut ħażin li frisc u hemm bżonn li ma tħallihomx li jbigħu dac il ħut li bi speculazjoni jcun ilu il ġranet merfugħ f'is-silġ għaliex dana malli jħoss l-arja actar jinten malajr.

L-imluħa hi ħażina ħafna ucoll għaliex f'cartell incova jeŭ tonn min jaf chemm veleni jcun hemm maħżuna billi jcun la-ħam ta' ħut maħżun hemm xi dakkiet għal ħafna snin; u ibżgħu ħafna minn dac il ħut li jcun ippreservat f'il caxxi bħal ma huma l-aringi, il lobster u is-salamun għaliex jistgħu jnis-slulcom fl-istoncu u f'imsarincom veleni u għalhecc mardiiiet co-roħ u ħorox tasseŭ.

Mela isimgħu minni għal ġid ta' saħħitcom. F'is-sajf u f'il biża ta'l colera l-aħjar ħut, imluħa u bottijiet xejn biex tcunu

la il coccubacillu ta' Pfeiffer. L-uġiegh ta' ras u ta' ghadamcom ma jcunux ġejjin ħlief m'il veleni li jcunu kieghdin jinġabru fl-articolazjoni u li ghalhecc hemm bżonn li tcheċċuhom m'il actar fis biex ijmurilcom l-uġiegh ucoll. Araū li ma titħaxilfux fl-ichel jeū li tridu b'il forz tkanklu l-aptit li ma jcollcomx, ghaliex actar ma tieclu actar ticber it-telka li jcollcom u actar joctor l-uġiegh ghaliex tcunu kieghdin iżżidu f'loc tnakksu il veleni. Mela żommu l-ichel minnufih, u la tixorbux ħlief ħafna misħun bi ftit lumi ġo fih u taraū chif malajr tibdghu tghaddu ghal l-aħjar. Xi dakkiet ijcun hemm il vomtu ucoll u xi drabi kaūūi u dana jcompli jurina li l-istoncu ma jridx ichel u lankas medicini ġo fih ghaliex ijcunu sejjrin jaghmlu actar ħsara milli ġid. Xi dakkiet id-diarrea tieħu il ghamla ta' colera b'il crampi, u'l chesħa ta'r-riġlejn u il-leūn bringieli. Dana in-Natura taghmlu biex tfittex tcheċċi minn ġo'l imsaren il ħafna ħmieġ kadim li jcun hemm maħżun u li jcun kieghed javvelena id-demm. Xi dakkiet tieħu il ghamla ta't tifojde ucoll ghad li ma tcunx. Minn dana li ghidna s'issa tistghu tifhmu malajr li actar ma jcolloc ħmieġijiet f'ġismec actar il marda taghfsec biex tfittex tnaddafulec u li actar ma jdumu daūna il ħmieġijiet f'il ġisem actar ittul u tkell il marda. Mela cull min ijrid li il marda ma iżżurux jeū ma taħcmux kaūūi hemm bżonn li jżomm ruħu nadif b'il purganti u billi ma jitħaxlefx fl-ichel u malli tħossu l-eūūel sinjali sumu, ħudu il purganti u eghirku chemm tifilħu. Cull min hu nadif minn ġeūūa u minn barra l-influenza ma tistax ghajlih.

L-eūūel sinjal taghha u li ftit tobba ghadhom jafuh, hu li f'il ħalk, in-naħħa ta' ġeūūa, jidhru bħal fosos, fosos irkak, donnhom ramel u jlekku bħalu meta f'id-daūl iddaūūru ras il marid minn banda ghal l-oħra. Jecc tieclu jeū tixorbu xi ħaġa acida jaħirkucom. Mela ma l-eūūel ħriek li tħossu f'gherżumitcom ġieghlu lil xi ħadd li jħares seūūa ġo ħalkcom u jecc ijghidilcom li ra il ponot li semmejtilcom ħudu minnufih porga ta's-*solfato di soda* f'ħafna misħun, tghatteū tajjeb f'is-sodda u complu ixorbu misħun chemm tifilħu u chemm tistghu sħun u żommu l-ichel ghal collox jeū la tieclux ħlief frott misjur u maħsul tajjeb u taraū chif il marda ma issaddadx fukcom. Jecc jibka l-ugiegh-ta'-ras, l-isturdament, il mejt, it-telka, il bichi u in-nervi ghal xejn ijfisser li ghad baka il veleni u ghalhecc complu chif ghidtilcom, u dana kieghed inghidulcom fuk l-istudji sbiħ li ghamel it-tabib Charles Michel f'il « *Journal de la Santè,* » u taraū chif ijghaddilcom collox. Tokoghdux fi cmamar maghluka u la tmorrux f'cinematografi jeū fejn hemm folol cbar ta' nies ghaliex tieħdu il marda actarx minn hemm jeū jecc tcun fukcom tiżdied. Li tbiddlu l-arja u tmorru f'il campanja kalb is-siġar jaghmlilcom tajjeb ferm ucoll. U malli tħossu li imbuccajtuha IDHLU F'IS SODDA ghaliex tistghu iġġibu b'idejcom ghaūġ cbir tasseū. La tabbusaux ghaliex taraūcom tifilħu timxu u tmorru gha'x-xogħol ghaliex tiġicom b'xejn pueūmonite u iġġorrcom iċ-Ċimiterju katta bla ħabel bħal ma ġara elf darba. Ixorbu luminati sħan chemm tifilħu, inchella misħun; xorb iehor xejn, medicini xejn ħlief il purganti li ghidtilcom u jecc togħolbu ftit ma jimportax ghaliex ūara targħghu tismnu malajr bl-aptit kaūūi li jakbadcom. Mela sodda, sħana, purganti, luminati sħan, arja, mistriħ u tfieku malajr.

Meta tibdghu tieclu fittxu il ħxejjex imghollija fl-ilma taghhom stess u il frottijiet misjura u mnaddfa tajjeb. Jecc taraū il marda dieħla il ġeūūa sejjħu tabib, ūieħed minn daūc it-tobba li jistudjaū u li ma ghadhomx miexjin fuk dac li tghallmu ghoxrin jeū tlietin sena ilu u erħu ruħcom f'idejh; biss ġieghluh li chemm jista jiccuraccom bl-iġieni u li ricetti jictbilcom m'il ankas ghall ġid ta' saħħitcom u ta' butcom ucoll.

# TLAKKIT.

—Il «Westminster Abbey» fejn ġie incoronat is-Sultan Ġorġ u ir-Reġina Marija imbniet minn Enricu Tlieta u chienet lesta minn collox f'i żmien Carlu it-Tieni, iġifieri damet tinbena ghal erba mitt sena! Fiha hemm ghassa biex ħadd ma jokghod b'il kieghda fuk is-siġġu ta'l incoronazjoni, iżda darba daħal titel, Peter Abbot, li m'hux talli rakad lejl fukha iżda nakax fih ismu li ghadu ijdher sa'l-lum billi chien ghamel imħatra ma tifel ieħor!

—Cullħadd jaf x'lakgha sabiħa chellha u chemm kalghet tifħir f'Paliermu l-intelliġenti pjanista maltija BICE VASSALLO, bint l-imfaħħar compositur taghna Paūlin Vassallo. L-aħjar nies ta' dic il belt aristocratica ferħu biha bla tarf meta raūha ghada hecc żghira u taf iddokk hecc tajjeb musica tant difficili. Id-Duca u id-Duchessa t'Aosta stiednuha sa ghall pranzu u it-tifel taghhom, li hu demm reali. ħadha jdaūūarha sa bl-aūtomobili! Barra jafu japprezzaū il ġenju u jafu jaghmlu tasseū il kalb u ghalhecc jimxu il kuddiem u ma humiex meculin b'dic il ghejra misħuta li tant issaltan f'dana l-imsejchen pajjis. Ghamel seūūa ħafna mela il Prof: Vassallo li ha il bintu Barra biex juri x'taf u chif jaf ijghallem il musica!

Erwin Nyiregyhazi ta' Budapest, li ghad ghandu ħames snin biss, dakk ma ilux il pjanuforti kuddiem ir-Re u ir-Reġina ta'l Ingilterra. F'it'22 ta' mejju li ghadda ta cuncert ghand id-Duchess of Rutland fejn chien hemm mistiednin l-akūa nies ta' Londra u dakk b'ħila cbira musica ta' Bach, Handel, Chopin, Mozart, Grieg. Listz u Rachmaninoff.

David Paget, ta' ghaxar snin, ijdokk il vjolin tasseū u dan l-aħħar kuddiem l-Imperatur u l-Imperatrici ta'l Ġermanja, meta chienu f'Londra, dakk bcejjeċ m'il «Cavalleria» b'mod li kala ħafna tifħir.

Vivien Chartres, ghad ghanda xi ħdax il sena u iddokk il vjolin tasseū b'mod li is-Sultan Edūardu chien taha sa medalja b'ismu. Annie Vivanti, il famusa poetessa, hi ommha u missierha hu magistrat ingliż.

Miecjo cullħadd jaf li hu maghdud bħala ūieħed m'il akūa vjolinisti ta'd-dinja ghad li ghadu żghir ħafna.

Hans Von Garnier ghad ghandu sittax il sena iżda l-Imperatur ta'l Ġermanja kabbdu jictiblu opra ta't-teatru. Ma ilux chiteb Grenadier March li ijdokkuh ir-riġimenti tedeschi. Review March li chiteb ftit ilu l-Imperatur ried li jindakk fi pranzu li ta hecc chif chien ghaddej hu.

Moritz Lutzen beda jdokk il pjanu minn mindu chellu tliet snin u issa ta ruħu ghal composizjoni ta'l musica ghad li ghadu żghir ħafna. M'ilux idderiġa orchestra ta' 180 ruħ li dakket programm collu musica tieghu kuddiem l-Imperatur ta'l Ġermanja. Idderiġa ucoll il famusa banda ta' Pariġi «La Garde Republicaine» li dakket ucoll programm collu bcejjeċ tieghu.

Micha Elman hu vjolinista famus ghad li ghadu żghir ħafna u il Professur Auer ta' San Pietroburgu kal li ghad ijcun il Joachim ieħor ta'd-dinja. Mela aħna il Maltin ghandna biex nifirħu u niftaħru li fost daūna l-*enfant prodige* ghandna ūaħda —Bice Vassallo— li kieghda ticseb isem sabiħ ghaliha u ghall pajjisha fost l-actar nies intelliġenti.

—Is-sena l-oħra tilfu ħajjithom ma't-tlietin ruħ minn daūc li jitilghu fl-areoplani. D'is-sena milli tidher ġejja ūisk aghar. L-eūūel mara ingliża li katt telghet f'ballun chienet Mrs: Sage, fl-1784, ma Vincento Lunardo. Il cbir Flammarion mar katta il-*luna di miele* tieghu f'ballun ma' Madame Flammarion fl-1874. Mrs: Assheton-Harbord ghaddiet il Canal Ingliż f'il ballun taghha.

# IL FOOTBALL.

Billi d'aż-żmien haŭn ħafna li jiddillettau b'dana il-loghob li meta hu f'ŭaktu jaghmel ħafna ġid f is-saħħa sejjer inġib l-istorja tieghu meħuda m'ir- «*Review of Reviews* » ghaliex naf sgur li bosta m'il karrejja taghna jeħdu ġost biha.

« *From a sketch in the «State of South Africa», by Percy S. T. Jones, apropos of the approaching visit of the British Rugby team, one gleans the history of football. Football in Great Britain owes its origin to the Romans, who played with a ball of cloth or leather stuffed with flocks, called harpastum, or with a windbag, called follis. The writer proceeds:—*

« *It is not possible to produce any direct evidence of the progress or popularity of the game in England prior to the year 1175. It is fairly conclusively established, however, that football goes back several centuries further than cricket. In 1175 William Fitzstephen, writing in his history of London, mentions the fact that it was the habit of the young men of the city to play at the well-known game of ball after dinner. And there can be no doubt that this game was football, but what its outstanding features were can only be a matter of guess-work. The game was confined to the lower classes; no rules existed for its control: the contests seems to have been more in the nature of general scrambles, the goals being placed at either end of a town or street; and the number of players seems to have been unlimited.*»

FORBIDDEN BY LAW—IN VAIN!

*Although popular it met with opposition from the authorities. Edward II, in 1314 forbade football under pain of imprisonment, owing to the «great noise in the city caused by hustling over large balls, from which many evils might arise, which God forbid.» The game nevertheless progressed. In 1315 Edward III. ordered his sheriffs to suppress «such idle practices,» because «the skill at shooting with arrows was almost totally laid aside for the purpose of various useless and unlawful games.» But so persistent were the popular classes in this almost national pastime that Richard II. and his successors had to continue to proclaim against «tennisse, footballe, and other games.» This determined persecution had no appreciable effect, however. The people persisted in the game they loved better than the law. James III. of Scotland also found it necessary to order quarterly practices of arms when «footballe and golfe be utterly cryed down and not to be used.» Played almost exclusively by the ignorant and rough, tabooed by the upper classes, accompanied by frequent deaths and serious injuries occasioned by the excessive brutality and ruffianism displayed, football was as deservedly persecuted in those days as it is encouraged and patronised by Royalty to-day. That the game was still unlawful in the time of Elizabeth is evidenced by the fact that a Middlesex jury brought in a true bill against a number of persons who «with unknown malefactors to the number of one hundred assembled themselves unlawfully and played a certain unlawful game called foote-ball, by means of which unlawful game there was against them a great affray likely to result in homicides and serious accident.»*

« A DEVILISH PASTIME. »

*Stubbs, in his « Anatomy of Abuses in the Realm of England,» describes football as a devilish pastime, resulting in brawling, murder, homicide, and great effusion of blood. Yet so far the game was more handball than football. The gradual refinement and regulation of the game resulted in a decrease of its popularity, so that at the beginning of the nineteenth century the game almost disappeared altogether. Then the leading public schools took up the game, each in its own particular style. In 1855 the Blackheath and Richmond Clubs were formed, and in 1883 the Football Association. In 1877 the number of players was reduced from twenty to fifteen.*

*Katharine Wybergh mentions in a paper on Socialism and women in the same magazine that in Great Britain the popular interest in football alone outweighs the aggregate interest in religion, science, literature and the fine arts.*»

# IL CURA TA'S-SAŬM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

Sinclair darba eżamina il ħmieġ tieghu u f'cull ukija sab ma'l ghoxrin biljun microbu. Darba ma felahx ijżomm bl-uġiegh ta' ras u meta raġa eżamina il ħmieġ sab li il microbi chienu cotru sitt darbiet actar! Dana jfisser li la cotru il microbi cotru il ptomaini u li dauna chienu kieghdin jivvalenaŭlu moħħu u ghalhecc ħass dac l-uġiegh ta' ras hecc kaŭŭi. Jecc iżżidu l-ichel iżżidu il microbi u il ptomaini iżda jecc issumu il musrana titnaddaf u il veleni joħorġu ma'l gharak u ma'l aŭrina u l-uġiegh ta' ras u il mardijiet l-oħra jfieku. B'hecc is-saŭm ijfejjak u l-ichel le.

—Fl-istess ctieb Sinclair ijsemmi sinjura li chien ilha ghal ħmistax il sena ittabbab dejjem u actarx f'is-sodda marida milli le. Chellha xjatica u reŭmatismu kaŭŭi, b'peritonite intermittenti, b'neurastenija melancolija u catarru cronicu li saħansitra nakksilha is-smiegh. Samet ghal tmien t-ijiem u ŭara ghal tnax oħra u fieket ghal collox. Binha u ħabib tieghu samu ghal tnax il ġurnata u fejjku dispepsja nervusa. Mara ta' Professur fi Stanford, fl-America, bi tmien t-ijiem saŭm fejjket reŭmatismu.

—*The fast is to me the key to eternal youth, the secret of perfect and permanent health. I would not take anything in all the world for my knowledge of it. It is Nature's safety-valve, an automatic protection against disease.* (do—pag: 43).

—Ŭara saŭma seŭŭa iġifieri sa jarġa jiflaċċa il ġuħ ŭaħdu min chien smin kabel ma jarġax jismen billi il ġisem jitla biss sa'l pis li jmissu; u min ijcun maghlub jismen sa jiġi f'il pis li jmissu ucoll. Mela dina il cura hi tajjba ghal min hu maghlub ucoll. «*After a complete fast the body will come to its ideal weight. People who are very stout will not regain their weight; while people who are under weight may gain a pound or more a day for a month.*» (pag: 40).

—Il mara ta' Sinclair chienet dejjem imghaxx'xa kabel u chienet marida b'in-nevrastenija, stoncu ħażin u nukkas ta' pis. Samet ghal ghaxar t-ijiem u ghal sitta oħra ŭara u il-lum «*She is a picture of health* (pag: 50).

—Sinclair ijsemmi cas ta' ŭieħed li chien minfuħ bl-ilma bla ma jista jimxi u bi ktiegh ta' nifs cbir. Sam ghal seba t-ijiem u dam ghal xahar ieħor jiecol m'il ankas u b'hecc fiek u kiegħed jaħdem fl-ghelieki tieghu f'il Kentucky.

—Tabib li chellu żeŭġ attacchi ta' appendicite ŭara xulxin u nevrastenija kalila sam ghal ħdax il ġurnata u fiek b'mod li il-lum jiġri ħames mili f'26 minuta u 15 il seconda u li ġera b'il *bycicle* ħames mitt mil f'seba t-ijiem.

—Ŭaħda sinjura chienet irtabitilha is-sinsla ta' dahirha u chienet timxi bi tbatija cbira fuk żeŭġ bsaten. Samet tmintax il ġurnata u kattgħet sitt ġimghat fuk il ħalib biss u ħadet saħħitha ghal collox.

— Ieħor marad bl-icreħ bi bronchite, tifojde, pneumonite u sa ghandu tokba f'sidru b'custilja li chiser. Chien tant maghdur li ŭaħħal f'rasu li jneħħi ħajjtu. Sam sitt t-ijiem, beda jieħu ir-ruħ u il-lum fiek ghall collox tant li mexa 442 mil fi ħdax il ġurnata.

—Sinjura li chien ilha ghomorha batuta bl-istoncu u tŭaħŭaħ b'ir-reŭmatismu li saħansitra chien messilha kalbha u ħadilha riġlejha samet, f'erba darbiet, erbgha u ħamsin ġurnata u fieket ghal collox b'mod li jghaġġeb lil cull min jafha.

(*Tissocta*)

## DIFFIDA.

Billi sirt naf illi persuna ftit onesta fil uakt li kieghda tabbusa mil fiducia illi bid-dritt collu kieghda tgaŭdi id-ditta tieghi, kieghda tghid illi dar ohra hija li stess dar tieghi, ghandi ghalhecc niddichiara illi jiena m'hiniex responsabbli tal consenja regolari tat-titoli, tal pagamenti tal premji bollettini u ta cull contestazioni illi tista tinkala hlief ghal contratti u ricevuti illi igibu il firma tieghi C. BORNACCINI.

Navza barra minn dan illi il prezzijiet ghat-titoli b'pagamenti ta hames xelini huma:—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Hungarian Foncier | £ 8 | 10 | 0 | cull titolu |
| Panama | 8 | 0 | 0 | ,, |
| Congo | 6 | 0 | 0 | ,, |

Ghalhecc daŭc il clienti illi jixtieku jacqŭistaŭ xi titolu tad-ditta tieghi huma mitlubin li jirrifiŭtaŭ cull cuntratt o hŭejjeġ ohra illi ma jġibux il firma tieghi.

Kabel tiffirmaŭ kiesu li tcunu tafu tajjeb ma min tcunu sejjrin tittrattaŭ, chif ucoll informaŭ ruhcom fuk dac li ghandcom thallsu, biex imbaghad ma tiġu fl-ebda imbarazz. Cull informazioni o hŭejjeġ ohra ma ghandcomx tohduhom hliet minn ghand

C. Bornaccini, 87, Strada Forni, Valletta.

### SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' għodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

Min ijrid jicri forn il Belt, f'it-Tombata ta'l Mandraġġ, Nri. 142 u 143, ijmur ghand Censu Muscat b'il ħanut f'id-numri 144 u 145 fejn hemm l'imfietaħ u ieħed jista jiltieħem ucoll fuk il chera.

*Sejjer johrog' ma jdumx!*

## AGOSTINO LEVANZIN

# IL CURA TA'S-SAUM

Ctieb interessanti tasseu li minnu titghallmu chif taghmlu dina il cura, chif ticsruha, chif tfejjku biha hafna mardijiet u liema g'id tista taghmel u liema huma il pericoli ghal min ma jaghmilhiex seuua; x'hassejna ahna g'urnata b'g'urnata u hafna huejjeg' ohra li meta uiehed jakrahom jistghu jisueulu uisk ghal g'id ta' sahhtu. Il ctieb ijcun stampat fuk carta m'il ahjar u ijcun fih bosta stampi fosthom dauc ta's-Sur Levanzin chif chien sar fl-40 jum ta's-sauma tieghu. **Ijkum tmien soldi biss.** Ghall bejgh **xelin.** Tistghu tissiehbu b'ittra.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA



Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU
# BIDDLU
# u SAHH'HU

DEMMCOM

EID

# DEPURATIV
# RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûiehhom u jinżammu dejjem b'sahhitom minnghajr ma jinhakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.





Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh tukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.



# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT
**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.



# L=Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦÛEJJEĠ OĦRA M'IL AĦJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRHAS TASSEÛ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U ĦADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEUUA** LI HU ÛISK ACBAR U ISBAĦ U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AĦJAR U B'ACTAR ĦEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua.**



# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux mahsns b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**


In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.